



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

18076/13

**AGRI 875
AGRISTR 159
AGRIORG 183
AGRIFIN 215
FSTR 171
POSEICAN 16
POSEIMA 9
POSEIDOM 31
REGIO 315**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 888 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-każ għal terminu tal-kwalità fakultattiv "prodott tal-biedja tal-gżejjer"

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 888 final.

Mehmuż: COM(2013) 888 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2013
COM(2013) 888 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar il-każ għal terminu tal-kwalità fakultattiv “prodott tal-biedja tal-gżejjer”

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Il-qagħda fir-rigward tal-biedja tal-gżejjer.....	3
2.1.	L-importanza soċjoekonomika tal-biedja tal-gżejjer	5
2.2.	Il-produzzjoni agrikola fil-gżejjer.....	6
3.	Skemi ta' ttikkettar eżistenti fl-Istati Membri kollha	7
4.	Il-każ għal terminu tal-kwalità fakultattiv.....	9
4.1.	Karatteristiċi "orizzontali" ta' prodotti jew prattiki tal-biedja.....	9
4.2.	Valur miżjud	10
4.3.	Id-dimensjoni Ewropea	10
5.	Konklużjoni.....	10

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-każ għal terminu tal-kwalità fakultattiv “prodott tal-biedja tal-gżejjer”

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard mill-4 ta' Jannar 2014 u akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposti leġiżlattivi xierqa, dwar il-każ għal terminu ġdid “prodott tal-biedja tal-gżejjer”.

Skont l-Artikolu 32, it-terminu jista' jintuża biss għall-prodotti:

- maħsuba għall-konsum mill-bniedem u elenkati fl-Anness I tat-Trattat; u
- li l-materja prima tagħhom toriġina mill-gżejjer; u
- fil-każ ta' prodotti pproċessati, l-ipproċessar għandu jsir fuq gżejjer fejn din taffettwa b'mod sostanzjali l-karatteristiċi partikolari tal-prodott finali.

Il-Kummissjoni ħadet għadd ta' miżuri biex tifhem aħjar il-biedja tal-gżejjer madwar l-Unjoni, tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati² u torganizza diskussjonijiet fil-fora rilevanti³. F'Ġunju 2013, organizzat workshop ta' jumejn dwar il-Prodotti tal-Biedja tal-Gżejjer u l-Industriji Alimentari⁴. Dawn l-attivitajiet u r-rapport xjentifiku u politiku tal-JRC⁵ imħejji wara l-workshop taw kontribut essenzjali għal dan ir-rapport.

Dan ir-rapport jeżamina s-soċjoekonomija u l-ispeċifitajiet tal-biedja tal-gżejjer, janalizza l-iskemi ta' ttikkettar eżistenti u jirrifletti fuq il-vantaġġi li jgħib miegħu l-ħolqien ta' terminu tal-kwalità fakultattiv (TKF) għal "prodott tal-biedja tal-gżejjer".

2. IL-QAGĦDA FIR-RIGWARD TAL-BIEDJA TAL-GŻEJJER

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport:

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

² Il-kwestjonarji lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati (28 ta' Jannar 2013 u 6 ta' Ġunju 2013).

³ Il-grupp ta' konsulenza dwar il-politika tal-kwalità u l-grupp ta' esperti għas-sostenibbiltà u l-kwalità tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

⁴ Sivilja, 13 u 14 ta' Ġunju 2013.

⁵ Santini F., Guri, F., *et al.* (2013), *EU island farming and the labelling of its products*, Ir-Rapporti Xjentifiċi u Poliċi tal-JRC, JRC84949

- “prodott tal-biedja tal-gżejjer” TKF huwa terminu ġeneriku/orizzontali li jrid jidher fuq it-tikketta ta' prodott mingħajr ebda referenza la għall-isem ta' gżira speċifika u lanqas għall-kontenut figurattiv bħal logo.

It-terminu jista' jintuża biss biex jiddeskrivi prodotti:

- (1) maħsuba għall-konsum mill-bniedem;
- (2) elenkati fl-Anness I tat-Trattat; u
- (3) li l-materja prima tagħhom toriġina mill-gżejjer.

Għall-prodotti pproċessati, l-ipproċessar għandu jsir fuq gżejjer fejn din taffettwa b'mod sostanzjali l-karatteristiċi partikolari tal-prodott finali⁶.

- “biedja tal-gżejjer” tfisser il-produzzjoni ta' prodotti u oġġetti tal-ikel agrikoli fil-gżejjer;
- "prodott tal-gżejjer" tfisser prodott jew oġġett tal-ikel agrikolu li jkun ġie prodott fuq gżira.

Għall-kuntrarju ta' ċerti kunċetti ġeografiċi oħra, jidher li huwa faċli li tingħata definizzjoni għal "gżira": hija biċċa art imdawra bl-ilma. Madankollu, ħafna drabi ntużaw definizzjonijiet aktar preċiżi għal skopijiet speċifiċi, filwaqt li tqiesu kriterji addizzjonali bħal dawn li ġejjin:

- id-daqs (f'termini ta' erja jew popolazzjoni);
- l-eżistenza ta' kollegamenti fissi jew id-distanza mill-kontinent; jew
- l-eżistenza ta' awtorità amministrattiva reġjonali.

Għal **skopijiet ta' statistika**, l-Eurostat stabbilixxa l-kriterji li ġejjin biex jiddefinixxi gżira:

- (i) erja tas-superfiċje minima ta' 1 km²;
- (ii) distanza minima ta' 1 km bejn il-gżira u l-kontinent;
- (iii) popolazzjoni residenti ta' aktar minn 50;
- (iv) l-ebda kollegament fiss mal-kontinent (eż. pont, mina, diġa); u
- (v) mhux kapitali ta' Stat Membru tal-UE.

L-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji fil-kuntest tat-tikkettar tal-prodotti agrikoli tqajjem xi diffikultajiet. Pereżempju, il-gżejjer li huma konnessi b'mod permanenti mal-kontinent, iżda ma jkunux verament integrati ekonomikament, jiġu esklużi, kif jiġri għal ħafna gżejjer b'popolazzjonijiet żgħir. Arċipelagu b'aktar minn 50 abitant iżda magħmul minn diversi gżejjer fejn kull waħda għandha popolazzjoni inferjuri (dan japplika għal bosta gżejjer Finlandiżi u Svediżi) ma jkunx kopert minkejja li jiffaċċja diffikultajiet simili.

⁶ L-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Għall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni⁷, il-gżejjer huma "Stati Membri gżejjer eliġibbli taħt il-Fond ta' Koeżjoni, u gżejjer oħra ħlief dawk fejn tkun tinsab il-belt kapitali ta' Stat Membru jew li jkollhom kollegament fiss mal-kontinent". B'differenza għad-definizzjoni tal-Eurostat, dan jinkludi l-gżejjer żgħar u kostali kollha u żewġ Stati Membri gżejjer (Malta u Ċipru), għalkemm mhux l-Irlanda jew ir-Renju Unit, u lanqas ħafna gżejjer żgħar b'kollegament fiss mal-kontinent.

Minħabba l-varjetà ta' definizzjonijiet, huwa diffiċli li wieħed jgħid eżattament kemm hemm gżejjer fl-UE. L-istimi jvarjaw minn madwar 300 bl-użu tal-aktar definizzjonijiet restrittivi (l-ebda kollegament fiss, id-daqs minimu, eċċ.) għal aktar minn 300 000 (l-aktar fil-Finlandja u fl-Isvezja) jekk jiġu applikati kriterji purament geomorfologiċi⁸.

Filwaqt li dawn il-gżejjer huma differenti ħafna, f'termini ġeomorfoloġiċi, naturali, demografiċi, kulturali u amministrattivi, jistgħu jiġu identifikati xi karatteristiċi komuni wiesgħa:

- bosta gżejjer huma muntanjużi;
- il-klima tagħhom hija ta' spiss naturalment marittima;
- il-lok tagħhom jinvolve "l-periferiċità" u aċċessibilità fqira;
- il-kapital naturali tagħhom huwa uniku u fraġli;
- id-demografija tagħhom hija normalment dinamika (ħlief il-gżejjer iżgħar, li għandhom it-tendenza li jintlaqtu mid-depopolazzjoni);
- dawn għandhom identità kulturali b'saħħitha; u
- f'ħafna każijiet, ikollhom amministrazzjoni awtonoma.

Id-definizzjoni ta' "gżira" tiddependi fuq l-iskop għaliex hija meħtieġa d-definizzjoni. Fir-rigward tat-tikkettar tal-prodotti tal-biedja tal-gżejjer, jeħtieġ li nidentifikaw preċiżament xi trid tittrażmetti t-tikketta sabiex jiġi deċiż liema definizzjoni trid tiġi applikata.

2.1. L-importanza soċjoekonomika tal-biedja tal-gżejjer

L-agrikoltura u l-industrija alimentari huma setturi importanti għall-ekonomija tal-gżejjer tal-UE. L-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd jirrappreżentaw 2,7 % tal-valur miżjud gross (GVA), meta mqabbel ma' 1,6 % tal-GVA totali tal-UE-27. L-industrija alimentari tagħhom hija wkoll aktar importanti minn dik tal-kontinent, u tirrappreżenta 19 % tal-impjiegi fl-industrija meta mqabbla ma' 13 % fil-livell tal-UE.

Il-prominenza nazzjonali tal-gżejjer fl-agrikoltura hija l-akbar fil-Greċja u fl-Italja, b'mod partikolari minħabba t-tliet gżejjer kbar tagħhom (Sqallija, Sardinja u Kreta). Sqallija u Sardinja jirrappreżentaw aktar min-nofs il-produzzjoni tal-biedja tal-gżejjer fl-UE f'termini ta' valur; Kreta, l-Azores u Réunion għal 5-10 %.

⁷ L-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

⁸ http://www.scb.se/Pages/PressRelease_275646.aspx.

Fuq il-bażi taċ-ċifra ta' 572 000 farm, skont l-Istħarriġ Strutturali tal-Farms, fir-reġjuni insulari NUTS 2 fl-UE fl-2011, l-għadd totali ta' farms tal-gżejjer jista' jiġi stmat għal madwar 600 000. Il-produzzjoni totali tal-farms ġiet stmata għal EUR 11,4 biljun fis-sena.

Il-biedja tal-gżejjer qed tiffaċċja dawn **l-isfidi strutturali**:

- l-erja agrikola għal kull azjenda hija inqas mill-medja tal-UE;
- il-farms tal-gżejjer jirrikjedu inqas ħaddiema minn daww fil-kontinent;
- l-iżolament jinvolvi spejjeż oġġla tat-trasport (l-inputs jistgħu jiswa minn darbtejn sa tliet darbiet iżjed minn daww tal-kontinent);
- l-għadd limitat ta' abitanti jillimita d-diversità tal-produzzjoni u għalhekk il-livell ta' kompetizzjoni lokali;
- id-depopolazzjoni tista' twassal għat-telf ta' know-how speċifiku;
- il-produzzjoni hija ħafna drabi speċjalizzata u għalhekk aktar sensittiva għal xokkijiet fl-ekonomija internazzjonali;
- il-provvista tal-ilma u tal-enerġija kif ukoll l-immaniġġjar tal-iskart jistgħu jħallu effett negattiv fuq l-agrikoltura tal-gżira.

Il-partijiet interessati jsostnu li dawn l-isfidi fil-fatt għandhom impatt pożittiv fuq il-kwalitajiet/il-karatteristiċi tal-prodotti tal-gżejjer u l-metodi ta' produzzjoni lokali. Il-produzzjoni agrikola fil-gżejjer tisfrutta l-karatteristiċi lokali li jiffavorixxu l-kwalità u hemm rabtiet mill-qrib bejn il-produzzjoni primarja, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, li jgħid li għal standard għoli ferm ibbażat fuq għarfien tradizzjonali. Barra minn hekk, l-iżolament partikolari ta' ċerti gżejjer ikkontribwixxa għal titjib fit-tekniki tal-ipproċessar lokali.

2.2. Il-produzzjoni agrikola fil-gżejjer

Żewġ **gruppi ta' prodotti** ewlenin huma predominanti: il-frott u l-ħaxix, u għelejjel speċjalizzati bħaż-żebug u l-inbid. Il-valur tal-produzzjoni totali ta' dawn iż-żewġ gruppi jirrappreżenta 4,7 % u 3,6 % tat-total tal-UE fis-setturi rispettivi u qrib is-60 % tal-valur totali tal-produzzjoni agrikola tal-gżejjer tal-UE, meta mqabbla ma 30 % biss fl-UE kollha kemm hi.

Il-farms tal-gżejjer jispeċjalizzaw l-aktar fl-ortikoltura. B'xi eċċezzjonijiet (eż. iċ-ċereali fi Sqallija u l-kannamiela f'xi gżejjer tropiċi), iċ-ċereali u l-għelejjel mhumx rappreżentati-biżżejjed meta mqabbla mal-UE inġenerali.

Il-produzzjoni tal-annimali fil-gżejjer hija kkaratterizzata mill-importanza ta' farms speċjalizzati tan-nagħaġ u tal-mogħoż. Il-produzzjoni tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż f'termini ta' valur hija tliet darbiet aktar importanti fil-gżejjer milli bħala medja fl-UE.

Madankollu, l-opinjoni tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati huma maqsuma, fir-rigward tal-ispeċifità tal-karatteristiċi tal-prodott tal-gżejjer.

Xi wħud jemmnu li l-prodotti tal-gżejjer għandhom karatteristiċi speċifiċi minħabba:

- know-how tradizzjonali;

- il-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari li jinfluwenzaw il-maturazzjoni, l-ipproċessar u t-trasport; kif ukoll
- in-natura tal-materja prima miksuba lokalment.

Dawn il-karatteristiċi speċifiċi jitqiesu bħala marbuta direttament ma' tradizzjonijiet, għarfien espert u riċetti li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra u l-kundizzjonijiet uniċi li japplikaw għall-kultivazzjoni lokali u t-trobbija ta' razzi indiġeni.

Oħrajn isostnu li huwa diffiċli li tintwera l-ispeċifità tal-prodotti tal-gżejjer meta mqabbla ma' prodotti minn żoni kostali fil-kontinent, u jsostnu li ma għandhom l-ebda karatteristika partikolari li tiddependi fuq l-ipproċessar fuq gżira apparti l-orijini *per se*. Ma hemm l-ebda eżempju ta' pproċessar li jrid isir neċessarjament fil-gżira u jista' saħansitra jkun żbaljat li ċerti stadji tal-produzzjoni, bħal fumigazzjoni jew tnixxif, jitqiesu bħala uniċi minħabba l-klima tal-gżira, billi din tista' ma tkunx differenti minn dik fil-kosta qrib il-kontinent.

Bħala konklużjoni dwar is-sejbiet indikati hawn fuq:

- L-agrikoltura tal-gżejjer għandha xi fatturi komuni, iżda dawn huma relatati prinċipalment ma' **sfidi strutturali** aktar milli ma' speċifitàjiet riflessi fil-prodotti. Dawn l-isfidi diġà huma soġġetti għal miżuri varji bħalma huma l-Fondi Strutturali, il-programmi ta' żvilupp rurali, l-iskemi ta' għajjuna diretta skont il-politika agrikola komuni, il-politika tat-trasport, il-programmi ta' riċerka, l-istrateġiji għall-iżvilupp lokali, eċċ.
- L-isfidi strutturali jistgħu jitqiesu li għandhom impatt pożittiv fuq **il-kwalitajiet/karatteristiċi** ta' prodotti tal-gżejjer u fuq il-metodi ta' produzzjoni (eż. billi jinżammu l-kwalità, in-know how u l-materja prima, u jitjiebu t-tekniki tal-ipproċessar lokali).
- Filwaqt li kombinazzjonijiet ta' fatturi naturali u umani jistgħu jirriżultaw f'karatteristiċi partikolari fil-prodotti tal-gżejjer, dawn normalment ikunu speċifiċi għal **gżira partikolari**. Billi l-gżejjer huma diversi ħafna, ma jkunx realistiku li jiġu identifikati karatteristiċi speċifiċi komuni għall-prodotti kollha tagħhom, jew tal-anqas għall-prodotti tal-Anness I maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

3. SKEMI TA' TTIKKETTAR EŻISTENTI FL-ISTATI MEMBRI KOLLHA

Bħalissa ma hemm l-ebda strument legali fil-livell tal-UE jew nazzjonali speċifikament maħsub biex jipproteġi prodotti li joriġinaw minn prodotti tal-gżejjer jew biedja tal-gżejjer bħala tali.

Dawn li ġejjin ikopru indirettament il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-biedja tal-gżejjer u jipproteġuhom kontra l-użu ħażin u l-prattiki inġusti jew qarrieqa:

- L-iskemi tal-kwalità tal-UE, b'mod partikolari:
 - id-denominazzjonijiet protetti ta' orijini (DPO) u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP); kif ukoll

- ir-Regolamenti POSEI dwar l-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi⁹, li jkopru prinċipalment it-territorji tal-gżejjer u jipprevedu skema tal-kwalità uffiċjali tal-UE (minn issa 'l quddiem tissejjaħ “logo RUP”¹⁰);
- ir-regoli dwar “id-dritt komuni”, jiġifieri s-sistemi tal-marka kummerċjali tal-Istati Membri u tal-UE, ir-regoli dwar il-kompetizzjoni inġusta u l-protezzjoni ġenerali tal-konsumatur kif ukoll ir-Regolamenti dwar l-informazzjoni tal-ikel għall-konsumaturi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri;
- kombinazzjoni ta’ strumenti bħalma huma s-sistemi reġjonali tal-marki kummerċjali kollettivi jew ta’ ċertifikazzjoni marbuta mal-iskemi ta’ kwalità tal-UE (il-logo RUP, DPO/IĠP jew il-biedja organika).

Numru ta’ eżempji ta’ prodotti agrikoli jew tal-ikel ittikkettati b’referenza għall-insularità nġabru f’**inventarju** mhux eżawrjenti ta’ każijiet ibbażati fuq

- il-prattiki identifikati minn bażijiet ta’ dejta tal-marki kummerċjali OHMI u WIPO;
- it-tikketti li jinsabu fis-suq;
- l-iskemi tal-kwalità tal-UE; u
- l-inizjattivi u l-marki reġjonali kollettivi.

Hija biss parti żgħira mit-tikketti li fihom u jirreferu għat-terminu ġeneriku/orizzontali ta’ “gżira” u/jew traduzzjonijiet tagħha. Mit-8 400 marka kummerċjali miġbura dwar prodotti agroalimentari u tax-xorb, il-biċċa l-kbira tal-każijiet jinkludu l-isem ta’ gżira speċifika u madwar 1 360 biss jinkludu t-terminu “gżira” bħala tali jew it-traduzzjoni tagħha, 16 % tal-marki kummerċjali kollha miġbura. Xi wħud minn dawn, normalment akkumpanjati minn terminu ġeografiku aktar preċiż li jidentifika territorju ta’ gżira speċifika, huma ġenwinament għal prodotti tal-biedja tal-gżejjer, iżda 80 % (ismijiet immaġinarji, marki kummerċjali, eċċ.) mhumiex.

Aktar minn 85 % tat-tikketti inklużi f’**inventarju** jirreferu għal territorju ta’ gżira speċifika, kif ukoll għall-orijini tal-prodott minn dan it-territorju ta’ gżira speċifika jew arċipelagu, pereżempju Sardinja, l-Azores, Madeira jew Martinique. Id-detenturi tal-marki kummerċjali huma aktar interessati li jindikaw l-orijini preċiża u definita sewwa milli jagħmlu referenza ġenerika għall-prodotti tagħhom li ġejjin minn gżira.

Ħafna **marki territorjali** kienu rreġistrati għal prodotti tal-gżejjer tal-UE¹¹. Bosta gżejjer u/jew arċipelagi għandhom waħda jew diversi marki kollettivi li, fl-istess ħin, jagħmluha diffiċli għall-konsumatur biex jifhem. Dawn il-marki huma bbażati fuq marki kummerċjali kollettivi jew ta’ ċertifikazzjoni li huma proprjetà ta’ gruppi ta’ partijiet interessati privati jew sħubijiet pubbliċi u privati u kollha huma marki kummerċjali semifigurattivi (jiġifieri b’isem u simbolu).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 793/2006.

¹⁰ Li ġejja minn *régions ultra-périphériques* bil-Franċiż.

¹¹ Bosta gżejjer u/jew arċipelagi għandhom waħda jew diversi marki kollettivi, li jistgħu joħolqu konfużjoni għall-konsumaturi.

Il-logo RUP jintuża biex jippromwovi prodotti ta' kwalità speċifiċi ħafna mir-reġjuni ultraperiferiċi fl-UE. Dawn il-prodotti huma soġġetti għal rekwiżiti fir-rigward tal-kwalità, il-kultivazzjoni, it-tekniki tal-produzzjoni jew tal-manifattura, jew il-preżentazzjoni u l-imballaġġ. Il-logo jintuża l-aktar għall-banana mill-Gwadelup, Martinique, il-Gżejjer Kanarji u Madeira, iżda wkoll għal frott ieħor (eż. l-ananas u l-bettieħ u dullieħ) u ħaxix, fjuri u nbid minn dawn ir-reġjuni.

Id-DPO/l-IĠP insulari jirrappreżentaw madwar 10 % tal-indikazzjonijiet ġeografiċi agroalimentari kollha rreġistrati fl-UE: fl-1 ta' Ottubru 2013, 118 minn 1 158 prodott bid-DPO/bl-IĠP ġew prodotti fil-gżejjer. Ħamsin (50) isem ta' nbejjed tal-gżejjer huma protetti wkoll skont l-iskemi tal-kwalità tal-UE. Għaldaqstant, total ta' 168 prodott bid-DPO/bl-IĠP irreġistrati joriġinaw minn gżejjer tal-UE. Il-prodotti bid-DPO/bl-IĠP jirrappreżentaw madwar 5 % tal-valur totali tal-produzzjoni agrikola tal-gżejjer tal-UE (ir-rapport tal-JRC).

L-ismijiet ġeografiċi primarjament jirreferu għall-isem tal-gżira inkwistjoni (52 % tal-każijiet, l-aktar Griegi, flimkien ma' Sardinja, Korsika u l-Gżejjer Kanarji jew il-Gżejjer Baleariċi), kultant b'ismijiet addizzjonali (partikolarment fil-każ ta' denominazzjonijiet minn Kreta, li ġeneralment jagħtu aktar dettalji dwar il-parti tal-gżira minn fejn huwa l-prodott). F'każijiet oħra (32 %), id-denominazzjoni tirreferi għal lokalità fi gżira. Dan huwa l-każ għall-biċċa l-kbira tad-denominazzjonijiet Sqallin, iżda wkoll għal oħrajn bħal Stornoway fl-Outer Hebrides, eċċ. Fi ftit każijiet (8 %), ir-referenza hija għall-isem tal-arċipelagu (eż. l-Azores, Shetlands, Orkneys u l-Gżejjer Kanarji).

L-opinjoni jiet miġbura tal-Istati Membri/partijiet interessati u l-istħarriġ tal-logos DOP/IĠP juru li:

- il-gruppi tal-produtturi ma jikkomunikawx sistematikament l-oriġini tal-gżira fil-logos tagħhom. Il-logos normalment ma jiffokawx fuq il-gżira rispettiva. Ħafna drabi, jintużaw logos immaġinarji;
- L-iskemi tad-DPO/tal-IĠP huma l-mezz preferut biex jitwasslu l-ispeċifità, il-karatteristiċi partikolari u l-kwalità tal-prodotti tal-gżejjer. Ħafna drabi ssir referenza għall-isem tal-gżira speċifika inkwistjoni, il-lokalità jew ir-reġjun ta' oriġini;
- hemm ftit eżempji tal-użu tat-terminu ġeneriku "prodotti tal-gżejjer" bħala tali:
 - Id-Danimarka (għasel minn naħal kannella mill-gżira ta' Læsø, tuffieħ mill-gżira Fejø fin-Nofsinhar tal-pajjiż);
 - Il-Finlandja ("in-nagħaġ Åland" jew "il-prodott tal-arċipelagu"); u
 - il-Pajjiżi l-Baxxi ('*Waddengoud*');
jew tal-logos reġjonali kollettivi maħluqa mill-awtoritajiet reġjonali f'Madeira ("il-prodott ta' Madeira") u l-Gżejjer Kanarji ("*Tenerife Rural*", "*Gran Canaria Calidad*", "*Alimentos del Hierro*").

Il-partijiet interessati wkoll jipprovdu evidenza ta' prattiki ta' ttikkettar qarrieqa jew prodotti agrikoli tal-gżejjer "frawdolenti" (imitazzjonijiet irħas offruti lit-turisti) u enfasizzaw il-ħtieġa li tkun protetta l-awtentiċità tal-prodotti tal-biedja tal-gżejjer tal-UE.

Fil-qosor, hemm ħafna DPO/IĠP irreġistrati għall-prodotti minn gżejjer tal-UE iżda dawn ma jkoprox proporzjon konsiderevolment ogħla ta' prodotti mill-medja fl-UE. Hemm ukoll għadd

kbir ta' tikketti privati li jirreferu għal oriġini ta' gżira bil-maġġoranza jirreferu għat-territorju tal-gżira speċifika.

4. IL-KAŻ GĦAL TERMINU TAL-KWALITÀ FAKULTATTIV

It-TKF huma stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 biex jgħinu lill-produtturi jikkomunikaw il-karatteristiċi tal-valur miżjud jew l-attributi tal-prodotti agrikoli tagħhom. Dawn huma definiti fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament bħala:

- marbuta mal-karatteristiċi "orizzontali" ta' kategorija waħda jew aktar ta' prodotti jew għal attribut tal-biedja jew tal-ipproċessar li jkun japplika f'żona speċifika;
- valur miżjud għal prodott meta mqabbel ma' oħrajn simili; u
- li jkollhom dimensjoni Ewropea.

4.1. Karatteristiċi "orizzontali" ta' prodotti jew Prattiki tal-biedja

Il-ġeografija differenti tal-gżejjer tal-UE tagħti lok għal produzzjoni sinifikanti u differenti tal-prodotti agrikoli u tal-ikel, b'mod partikolari l-għelejjel speċjalizzati (frott, ħxejjex, patata, żejt taż-żebuga u nbid), iżda wkoll prodotti tal-annimali (laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u, sa ċertu punt, prodotti tal-ħalib u baqar).

Is-settur agroalimentari għandu rwol ferm akbar fl-ekonomiji tal-gżejjer tal-UE mill-medja tal-UE u ħafna drabi jibqa' marbut mill-qrib mal-attività ekonomika ewlenija: it-turiżmu. Bosta gżejjer għandhom strateġiji ta' żvilupp li jnvolvu "speċjalizzazzjoni intelliġenti" biex jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn it-turiżmu u s-settur agroalimentari lokali.

L-għarfien espert lokali, it-tradizzjonijiet, il-ġid tal-kapital naturali u l-bijodiversità lokali f'termini ta' varjetajiet ta' pjanti speċifiċi u t-tniissil tal-annimali indiġeni kollha jpoġġu s-settur agrolimentari fost l-ixpruni tat-tkabbir għall-gżejjer tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' prodotti "niċċa" b'-valur-għoli miżjud.

Għalkemm huma komuni għall-prattiki tal-biedja fil-gżejjer b'mod ġenerali, madankollu, dawn l-elementi huma riflessi b'mod differenti fi prodotti speċifiċi għal kull gżira u għalhekk mhux neċessarjament isarrfu f'karatteristiċi "orizzontali" komuni għall-prodotti kollha tal-gżejjer bħala kategorija.

4.2. Valur miżjud

Għalkemm il-gżejjer kollha tal-UE jaqsmu karatteristiċi li jistgħu potenzjalment jiġu trażmessi permezz ta' terminu tat-tikkettar ġeneriku bħal 'prodott tal-biedja tal-gżejjer', l-opinjonijiet dwar il-valur miżjud ta' dawn it-tikketti jidhru li huma varji.

Meta jikkummerċjalizzaw il-prodotti tal-ikel tagħhom, il-maġġoranza vasta tal-produtturi jwasslu l-kunċett tal-insularità billi jirreferu għal **gżira speċifika** jew arċipelagu. Ma nstab l-ebda eżempju ta' marka jew skema ta' kwalità li tkopri l-gżejjer kollha irrispettivament mill-post preċiż tagħhom. It-tikketti "orizzontali" jintużaw għal gruppi ta' gżejjer żgħar bħal diversi gżejjer żgħar Daniżi jew għall-"prodotti tal-arċipelagu" (il-Finlandja), iżda dan għadu 'l bogħod minn skema tat-tikettar ġenerika u orizzontali tal-biedja tal-gżejjer.

Barra minn hekk, f'xi każijiet il-gżejjer huma f'kompetizzjoni ma' xulxin u r-referenza għal gżira speċifika hija importanti għall-produtturi li jixtiequ jispikkaw fis-suq.

4.3. Id-dimensjoni Ewropea

Il-gżejjer tal-UE jaqsmu karatteristiċi komuni f'termini ta' ġeografija, kapital naturali, uman u soċjali, u dipendenza ekonomika u politika fil-kontinent.

Skont ix-xejriet kummerċjali fil-"matriċijiet ta' kontabbiltà soċjali" reġjonali tal-JRC-IPTS għall-2005¹², medja ta' madwar 60 % tal-produzzjoni agrikola tal-gżejjer tal-UE f'termini ta' valur u 35 % tal-produzzjoni tal-industriji alimentari tagħhom huwa "esportat", l-aktar lejn il-kontinent tal-Istat Membru rispettiv. Bejn 7 % u 18 % biss (il-gżejjer Kanarji) tal-produzzjoni agroalimentari tagħhom tmur għal Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi, iżda dawn il-prodotti diġà jibbenefikaw minn skema tal-UE (il-logo RUP).

5. KONKLUŻJONI

Il-biċċa l-kbira tad-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-gżejjer tal-UE u s-setturi tal-biedja tagħhom huma **strutturali** u jeħtieġu primarjament soluzzjonijiet strutturali u reazzjonijiet politiċi, li diġà huma parzjalment fis-seħħ permezz ta' politika reġjonali u miżuri ta' żvilupp rurali minn naħa waħda u sussidji li jikkompensaw għal żvantaġġi speċifiċi min-naħa l-oħra.

Mhux il-prodotti agroalimentari kollha tal-gżejjer jibbenefikaw minn skemi eżistenti u inizjattivi pubbliċi jew privati biex titjieb il-kwalità u jiżdied il-valur fis-suq. Pereżempju, madwar 5 % biss (f'termini ta' valur) huma koperti minn DPO/IĠP u l-logo RUP, filwaqt li jintuża, jimmira lejn prodotti speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Min-naħa l-oħra, ġew implimentati bosta standards privati li jirreferu ta' spiss għal oriġini ġeografika speċifika. Madankollu, jidher li s-sitwazzjoni hija diverġenti bejn il-gżejjer mal-UE kollha.

L-argumenti favur TKF “prodott tal-biedja tal-gżejjer” huma li:

- bħala **strument volontarju** li jimponi piż amministrattiv, ta' kontroll u baġitarju relattivament ħafif, TKF jista' jkun adattat għal xi **produtturi fuq skala-żgħira**, b'mod partikolari fi gżejjer żgħar li ma jibbenefikawx minn skala suffiċjenti biex jinvolvu ruħhom f'għodod ta' kummerċjalizzazzjoni oħra (bħal marki kollettivi, ta' ċertifikazzjoni u territorjali, DPO/IĠP u l-logo RUP). Dan ikun rilevanti biss għal parti żgħira tal-prodotti tal-gżejjer.
- minbarra li jaħdem bħala **għodda ta' komunikazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni**, it-TKF jista' jżid il-valur għal xi prodotti tal-biedja tal-gżejjer, b'mod partikolari jekk l-Istati Membri kellhom jiżguraw li huwa integrat jew marbut ma' miżuri oħra; u

Min-naħa l-oħra:

¹² Mueller, M. u Ferrari, E. (2012), *Social Accounting Matrices and Satellite Accounts for EU-27 on NUTS 2 Level (SAMNUTS2)*, Rapporti Xjentifiċi u Politiċi tal-JRC, EUR 25687 EN.

- it-TKF “prodott tal-biedja tal-gżejjer” jista' **jippenalizza l-produtturi** li diġà huma involuti fi skemi tal-kwalità billi jpoġġihom f'kompetizzjoni. Hemm riskju ta' **dilwizzjoni tal-inizjattivi eżistenti** (marki territorjali, DPO/IĠP, eċċ.) li huma suġġetti għal kontroll aktar strett u/jew ċertifikazzjoni u għalhekk għal spejjeż żejda;
- il-fatt li bħalissa ma teżisti l-ebda tikketta ġenerika għall-prodotti tal-gżejjer (it-tikkettar u l-promozzjoni jirreferu għal **gżejjer speċifiċi**) huwa indikazzjoni li l-kunċett ta' “gżira” ma jitqiesx biżżejjed b'saħħtu jew xieraq biex jittrażmetti messaġġi partikolari lill-konsumaturi. L-uniku eżempju li joqrob lejn it-trażmissjoni ta' messaġġ bħal dan, il-logo RUP, għandu kamp ta' applikazzjoni limitat. TKF jista' jkollu impatt negattiv fuq dawn l-iskemi eżistenti;
- billi l-biċċa l-kbira tal-prodotti ma jiġux esportati iżda mibjugħa lokalment jew fil-kontinent tal-Istat Membru inkwistjoni, wieħed jista' jsostni li r-regolamentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet fuq it-tikketti tista' tiġi **indirizzata aħjar fil-livell tal-Istati Membri**;
- il-**firxa** ta' prodotti potenzjalment eliġibbli għal TKF **x'aktarx li tkun limitata ħafna** mill-obbligi previsti fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 fejn għandhom x'jaqsmu l-ksib tas-sorsi tal-materja prima, ir-rekwiżiti tal-ipproċessar u l-limitazzjoni għall-prodotti tal-Anness I.
- il-**problemi strutturali** li jiffaċċjaw il-gżejjer jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' strumenti strutturali eżistenti.

Dan ir-rapport jimmira li jipprovdi analiżi fattwali biex jippermetti dibattitu dwar jekk jiġi riżervat TKF għid "prodott tal-biedja tal-gżejjer" huwiex l-aħjar mod biex il-produtturi tal-gżejjer jiġu megħjuna biex jikkomunikaw aħjar il-karatteristiċi li jżidu l-valur tal-prodotti tagħhom.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jiddiskutu dan ir-rapport u tilqa' l-opinjoni tagħhom.